**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 30 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 213/18 AGV**

AC

vs

BC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fis-27 ta' April, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-21 ta' Dicembru tas-sena 1957 (ara Dok. A) u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat il-25 ta' Settembru, 1980 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Dupuis (Dok. B); it-tfal tal-partijiet lahqu l-maggor eta', izzewwgu u kellhom it-tfal, illum ukoll bil-familja taghhom;
2. Illi, ghaldaqstant, il-partijiet ilhom hekk separati kwazi erbghin sena, qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u fl-istess kuntratt irrinunzjaw ghal kull dritt ghall-manteniment, b'mod li jissussistu r-rekwiziti kollha fil-ligi sabiex tinghata sentenza ta' divorzju;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju u li jigi notifikat b'dan id-Direttur tar-Registru Pubbliku skond il-ligi.

Rat l-affidavit tar-rikorrent li kkonferma li kien izzewweg lill-intimata f'Londra fl-1957 u kellhom zewgt ibniet, li llum maggorenni, zzewwgu, kellhom it-tfal u sar mhux biss nannu, izda buznannu. Ighid li ssepara minn mal-intimata fl-1980 u kienu ftehmu li jkun hemm *full and final settlement* minflok manteniment u lanqas kien hemm bzonn manteniment ghat-tfal peress li kienu maggorenni.

Ighid li minn mindu sseparaw ma kienx rah lill-intimata u ghalhekk ma kienx hemm cans ta' rikonciljazzjoni.

Jikkonferma li llum hu ghandu familja ohra u tifel ta' sittax-il sena u bid-divorzju xtaq jirregola l-affarijiet tieghu.

Rat li l-intimata debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 25 ta' Settembru, 1980 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Dupuis.

Illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment u li ma kinitx tezisti c-cans ta' rikonciljazzjoni stante li llum ghandu familja ohra u ilu ma jara lill-intimata minn mindu sseparaw.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**